MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 305/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Charlot Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Charlot Zammit, ta' 22 sena, bin Moses u Mary nee Degiorgio, imwieled Pieta fis-7 ta' Jannar 1986, residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' l-identita 43786(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru 2008 ghall-habta ta' 8.30a.m., u matul l-ahhar xhur qabel din id-data waqt li kont fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) U aktar talli b’hekk sirt recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri ghall-pussess semplici biss, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-

ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat il-fedina penali aggornata, u t-tlett sentenzi esebiti mill-ufficjal prosekutur.

Wara li rat in-nota ta' l-imputat tat-2 ta' Mejju 2011.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni ta' pussess semplici tad-droga eroina migjuba fil-konfront tieghu.

Illi rigward l-imputazzjoni tar-recidiva, mill-fedina penali aggornata ezebita mill-prosekuzzjoni fuq talba ta' din il-Qorti, jirrizulta li l-imputat gie ikkundannat tlett darbiet. Fl-ewwel sentenza u cioe dik ta' l-14 ta' Novembru 2007 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-imputat inghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u tpogga taht ordni ta' supervizjoni. It-tieni sentenza ta' l-24 ta' Gunju 2008, ukoll moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, irrendiet operattiva is-sentenza sospiza kif ukoll ikkundannat lill-imputat piena addizzjonali ta' 18-il xahar prigunerija. Mix-xhieda ta' CO 3 Michael Micallef jirrizulta li l-imputat diga skonta dawn iz-zewg perjodi ta' prigunerija.[1] Fil-fatt jirrizulta li r-reat odjern gie kommess waqt li l-imputat kien qed jiskonta dawn iz-zewg perjodi ta' prigunerija. Konsegwentement ir-reat odjern gie kommess wara li l-imputat kien ga gie ikkundannat b'dawn iz-zewg sentenzi, u ghalhekk l-imputazzjoni tar-recidiva giet pruvata sal-grad rikjest fil-proceduri kriminali.

Fit-tielet sentenza u cioe dik ta' l-24 ta' April 2009 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-imputat rega' gie ikkundannat ghal 18-il xahar priginerija sospizi ghal erba' snin u tpogga taht ordni ta' supervizjoni, liema ordni qieghda tigi esegwita, kif xehdet l-Ufficjal tal-

[1] Ara xhieda ta' CO 3 Michael Micallef fis-seduta tad-29 ta' April 2011

Probation Carmen Nygaard.[2] Din it-tielet sentenza hija irrelevanti ghal fini tal-proceduri odjerni, hlief li kif diga inghad mix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation jidher li l-imputat ghamel xi forma ta' progress.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat limitatament ghall-pussess semplici ta' droga. Pero, billi din il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' recidiva u r-reat sar meta l-imputat kien prigunier fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, il-Qorti tqis li l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi.

In vista tal-fatt li mill-atti ma jirrizultax kemm gew inkorsi spejjez f'dan il-kaz, ghall- hatra ta' esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ara fol. 21 tal-process – Seduta tas-16 ta' Frar 2011.